**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 416/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Camilleri**

Illum, 20 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Matthew Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 529286M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-1 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' 11:15 ta' filgħodu ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema, Sliema :

1. Inġurja u hedded jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi jew ibeżżgħa fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u ċioe' fil-konfront ta' PS 157 u PC 1103;

Ukoll talli fit-13 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' bejn it-8:00 ta' filgħodu u l-10:00 ta' filgħodu minn ġewwa kamra 432 tal-lukanda Plaza Regency, Triq it-Torri, Sliema :

2. Ikkometta serq ta' credit cards u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-mezz a detriment ta' Martinez Crespeau Benoit u/jew persuna/i oħra;

Ukoll talli fit-13 ta' Settembru għall-ħabta ta' bejn it-8:00 ta' filgħodu u s-1:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa l-kamra 406 tal-lukanda Plaza Regency, Triq it-Torri, Sliema:

3. Ikkommetta serq ta' credit cards u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94, bil-persuna u bil-mezz, għad-detriment ta' Elliot Victor Dominic Henry Zahra, Hendrina Zahra u Victor Zahra u/jew persuna/i oħra;

Ukoll talli fis-6 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' bejn l-4:30 ta' wara nofsinhar u is-6:15 ta' filgħaxija minn ġewwa vettura (taxi) tal-kumpanija E-Cabs f'dawn il-gzejjer:

4. Ikkometta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment tal-kumpanija E-Cabs u/jew kumpaniji oħra u/jew persuna/i oħra;

Ukoll talli fis-6 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' bejn id-9:00 ta' bil-lejl sad-9:30 ta' bil-lejl, minn ġewwa vettura (taxi) bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-175 f'dawn il-gzejjer:

5. Ikkometta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment tal-kumpanija Bolt u/jew kumpaniji oħra u/jew persuna/i oħra;

Ukoll, talli fis-16 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' bejn it-2:40 ta' filgħodu u it-3:00 ta' filgħodu minn ġewwa Daves, Triq Manoel De Vilhena, Gzira:

6. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeċċedi l-€2,329.37, bil-ħin u bil-mezz, għad-detriment tal-kumpanija Daves u/jew kumpaniji oħra u/jew persuna/i oħra;

Ukoll talli fix-xahar ta' Novembru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

7. Naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioe mill-Maġistrat Dr Joe Mifsud LL.D mid-digriet datat 24 ta' Jannar 2020 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u ċioe mill-Imħallef Edwina Grima LL.D mid-digriet datat 9 ta' April 2020 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonjiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tiġi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre*, il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-Qorti titratta mal-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 49, 50, 95, 261(b)(c)(d)(f)(g), 263(a), 267, 268(c), 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 281(a)(b), 289 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-perijodu ta' sentejn priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' erba' mitt Euro (€400). Ukoll, ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat: (i) il-konfiska tas-somma ta' €1,000 mid-depozitu ta' €5,000 stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest ppronunzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D datat 24 ta' Jannar 2020, u ordnat (ii) il-konfiska tas-somma ta' €1,000 mid-depozitu ta' €5,000 stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest ppronunzjat mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr Edwina Grima LL.D datat 9 ta' April 2020.

Rat ir-rikors tal-appellant, Matthew Camilleri, ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2020, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tħassarha u tirrevokaha in kwantu għall-piena infitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat li nhar l-1 ta' Lulju 2022, l-appellant talab lill-Qorti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet pero' irtirata minnu nhar it-2 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Caruana, Mary Rose Farrugia, Maria Mifsud u Joanna Buhagiar Fiott.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju ventilat mill-appellant jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta jilmenta illi l-piena imposta fuqu, u ċioe' terminu ta' priġunerija effettiva ta' sentejn kienet waħda eċċessiva, speċjalment fid-dawl tal-ammissjoni tiegħu.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta primarjament li l-ammissjoni tal-appellant ma kinitx waħda bikrija iżda saret propju fl-istadju aħħari tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati meta l-provi kollha kienu ġja kkumpilati. *In oltre*, l-ammissjoni minnu magħmula kienet waħda inkondizzjonata u volontarja, li saret meta kien legalment assistit. Dina l-Qorti ma tistax għalhekk tinjora l-fatt li l-appellant ammetta l-involviment tiegħu f'diversi serqiet li dwarhom huwa kien mixli.

Illi, dan magħdud, madanakollu mix-xhieda mismugħa issa fi stadju ta' reviżjoni, jirriżulta li llum 'il ġurnata, l-appellant għamel progress konsiderevoli fir-riforma tiegħu. Jidher li llum qabad it-triq it-tajba, bl-atteġġjament tiegħu nbidel għal wieħed posittiv ferm. Għandu interazzjoni tajba man-nies ta' madwaru u kif ukoll għandu xogħol fil-komunita' tramite l-*Prison Inmates Programme*. *In oltre*, jidher li huwa dalwaqt ser jispiċċa il-programm li qiegħed isegwi preżentement sabiex jirriabilita' ruħu mill-vizzju tad-droga u ser jerġa' jiġi ntegrat fis-soċjeta' u fid-dinja tax-xogħol f'qasir żmien. Dina l-Qorti tawgura li l-appellant jibqa' miexi fit-triq it-tajba hekk kif qed jagħmel u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tqies illi huwa għandu jingħata l-aħħar opportunita' sabiex ir-riforma tiegħu tintemm b'suċċess bit-tama li huwa jitbiegħed mill-ħajja tal-kriminalita'.

Issa għalkemm ir-reati li dwarhom l-appellant jinsab mixli iġorru piena li teċċedi s-seba' snin priġunerija, madanakollu fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma illi

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

għandha tapplika l-proviso għall-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex il-professjonisti li qed isewgu lill-appellant u ċioe' Maria Caruana, rappreżentant *Caritas*, l-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud u Joanna Buhagar Fiott, li dehret għan-nom tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga, kienu kollha konsoni fil-fehma tagħhom illi l-appellant tant irreġistra progress fl-imġieba tiegħu, u għaraf l-iżbalji li għamel fil-passat, illi l-inkarċerazzjoni tiegħu mill-ġdid tista' isservi iktar ta' detriment milli ta' għajnuna u deterrent. Illi allura sabiex dan il-progress jasal sal-milja tiegħu, bl-appellant jirrintegra ruħu fis-soċjeta', u fuq kollox sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' offiżi simili li dwarhom huwa kien misjub ħati, il-Qorti hija tal-fehma li il-piena għandha tkun waħda alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni, iżda tagħmilha ċara mal-appellant illi jekk huwa jerġa' ixxellef difrejgħ mal-ġustizzja, il-Qorti mhix ser tagħtih opportunita' oħra.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u**

ii) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellant multa ta' erba' mitt Ewro (€400); u**

iii) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat: (i) il-konfiska tas-somma ta' €1,000 mid-depozitu ta' €5,000 stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D datat 24 ta' Jannar 2020, u ordnat (ii) il-konfiska tas-somma ta' €1,000 mid-depozitu ta' €5,000 stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti Kriminali datat 9 ta' April 2020; u**

iv) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-perijodu ta' sentejn priġunerija effettivi u minflok tqiegħed lill-appellant taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin mil-lum, u dana fit-termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi l-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud għandha tara li l-appellant jibqa' isegwi il-programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga sat-tmiem tiegħu.**

**Il-Qorti fissret lill-appellant il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa ma joqgħodx għall-Ordni fuqu imposta jew jekk jikser xi kundizzjoni ta'l-istess, kif ukoll jekk jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta'l-Ordni.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**